# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 403

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

28 ta' Novembru 2017


Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2017/C 403/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8617 — Allianz/LV general insurance businesses) (1) ..... 1

2017/C 403/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8588 — Continental Automotive/Alstom/EasyMile) (1) ..... 1


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2017/C 403/03 Rata tal-kambju tal-euro ..... 2

2017/C 403/04 Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej għas-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti — Rati ta' kambju ta' muniti konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 ..... 3


MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

**L-Ombudsman Ewropew**

2017/C 403/05 Rapport Annwali 2016 ..... 5

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2017/C 403/06 Komunikazzjoni mill-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tan-Netherlands skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u għall-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni tal-idrokarburi ..... 6

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 403/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8654 — CK Hutchison/TMA Holding/TMA Logistics) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 8

2017/C 403/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8699 — CEPSA/CEPSA Gas Comercializadora) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 10

2017/C 403/09 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8729 — EQT Fund Management/G+E GETEC Holding) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 11

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.8617 — Allianz/LV general insurance businesses)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 403/01)

Fit-18 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32017M8617. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.8588 — Continental Automotive/Alstom/EasyMile)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 403/02)

Fil-21 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32017M8588. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro ([1])

**Is-27 ta' Novembru 2017**

(2017/C 403/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1952 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5156 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 132,69 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,3249 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4424 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7305 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,89375 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6063 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,9260 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 299,46 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,1718 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 16,4083 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,8905 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,7533 | HRK | Kuna Kroata | 7,5588 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 16 137,59 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,431 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,9093 |
| HUF | Forint Ungeriż | 311,24 | PHP | Peso Filippin | 60,056 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2087 | RUB | Rouble Russu | 69,4793 |
| RON | Leu Rumen | 4,6418 | THB | Baht Tajlandiż | 38,987 |
| TRY | Lira Turka | 4,6756 | BRL | Real Brażiljan | 3,8564 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5656 | MXN | Peso Messikan | 22,1272 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 77,0930 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ GĦAS-SIGURTÀ SOĊJALI GĦALL-ĦADDIEMA MIGRANTI

### Rati ta' kambju ta' muniti konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72

(2017/C 403/04)

Artiklu 107 (1), (2) u (4) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72

Perjodu ta' referenza: Ottubru 2017

Perjodu ta' applikazzjoni: Jannar, Frar, Marzu 2018

| 10-2017 | EUR | BGN | CZK | DKK | HRK | HUF | PLN |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 EUR = | 1 | 1,95580 | 25,7661 | 7,44291 | 7,50851 | 309,951 | 4,26275 |
| 1 BGN = | 0,511300 | 1 | 13,1742 | 3,80556 | 3,83910 | 158,478 | 2,17954 |
| 1 CZK = | 0,0388107 | 0,0759060 | 1 | 0,288865 | 0,291411 | 12,0294 | 0,165440 |
| 1 DKK = | 0,134356 | 0,262774 | 3,46183 | 1 | 1,00881 | 41,6438 | 0,572726 |
| 1 HRK = | 0,133182 | 0,260478 | 3,43158 | 0,991263 | 1 | 41,2800 | 0,567722 |
| 1 HUF = | 0,00322631 | 0,00631002 | 0,0831295 | 0,024013 | 0,0242248 | 1 | 0,0137529 |
| 1 PLN = | 0,234591 | 0,458812 | 6,04448 | 1,74604 | 1,76143 | 72,7117 | 1 |
| 1 RON = | 0,217888 | 0,426146 | 5,61413 | 1,62172 | 1,63602 | 67,5348 | 0,928803 |
| 1 SEK = | 0,104017 | 0,203436 | 2,68010 | 0,774186 | 0,781010 | 32,2401 | 0,443397 |
| 1 GBP = | 1,12269 | 2,19577 | 28,9275 | 8,35611 | 8,4298 | 347,981 | 4,78576 |
| 1 NOK = | 0,106411 | 0,208118 | 2,74178 | 0,792004 | 0,798985 | 32,9821 | 0,453601 |
| 1 ISK = | 0,00805985 | 0,0157635 | 0,207671 | 0,0599887 | 0,0605175 | 2,49816 | 0,034357 |
| 1 CHF = | 0,866132 | 1,69398 | 22,3168 | 6,44654 | 6,50336 | 268,459 | 3,69210 |

| 10-2017 | RON | SEK | GBP | NOK | ISK | CHF |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 EUR = | 4,58950 | 9,61385 | 0,890714 | 9,39757 | 124,072 | 1,15456 |
| 1 BGN = | 2,34661 | 4,91556 | 0,455422 | 4,80497 | 63,4379 | 0,590326 |
| 1 CZK = | 0,178122 | 0,373120 | 0,034569 | 0,364726 | 4,81531 | 0,0448092 |
| 1 DKK = | 0,616628 | 1,29168 | 0,119673 | 1,26262 | 16,6698 | 0,155122 |
| 1 HRK = | 0,611240 | 1,28039 | 0,1186272 | 1,25159 | 16,5242 | 0,153767 |
| 1 HUF = | 0,0148072 | 0,0310173 | 0,00287372 | 0,0303195 | 0,400294 | 0,00372497 |
| 1 PLN = | 1,076655 | 2,25532 | 0,208953 | 2,20458 | 29,1061 | 0,270849 |
| 1 RON = | 1 | 2,09475 | 0,194076 | 2,04762 | 27,0338 | 0,251565 |
| 1 SEK = | 0,477385 | 1 | 0,0926491 | 0,97750 | 12,9055 | 0,120093 |
| 1 GBP = | 5,15261 | 10,7934 | 1 | 10,5506 | 139,295 | 1,29622 |
| 1 NOK = | 0,488372 | 1,023014 | 0,0947813 | 1 | 13,2025 | 0,122857 |
| 1 ISK = | 0,036991 | 0,077486 | 0,00717902 | 0,0757430 | 1 | 0,00930557 |
| 1 CHF = | 3,97511 | 8,32685 | 0,771476 | 8,13953 | 107,463 | 1 |

*Nota*: il-valuti inkroċjati kollha li jinvolvu l-ISK huma kkalkolati bl-użu ta' dejta tar-rati ISK/EUR mill-Bank Ċentrali tal-Islanda.

| referenza: Ottubru-17 | EUR 1 fil-munita nazzjonali | Unità 1 tal-munita nazzjonali f'EUR |
|---|---|---|
| BGN | 1,95580 | 0,511300 |
| CZK | 25,7661 | 0,0388107 |
| DKK | 7,44291 | 0,134356 |
| HRK | 7,50851 | 0,133182 |
| HUF | 309,951 | 0,00322631 |
| PLN | 4,26275 | 0,234591 |
| RON | 4,58950 | 0,217888 |
| SEK | 9,61385 | 0,104017 |
| GBP | 0,890714 | 1,12269 |
| NOK | 9,39757 | 0,106411 |
| ISK | 124,072 | 0,00805985 |
| CHF | 1,15456 | 0,866132 |

*Nota*: Ir-rati ISK/EUR msejsa fuq dejta mill-Bank Ċentrali tal-Islanda.

1. Regolament (KEE) Nru 574/72 jgħid li r-rata ta' kambju ta' ammonti ta' flus f'munita meta mqabbla ma' Ir-munita oħra tkun ir-rata kkalkulata mill-Kummissjoni u bbażata fuq il-medja ta' xahar, matul il-perjodu speċifikat f'paragrafu 2 tar-rati tal-kambju referenza, ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-perjodu ta' referenza jkun:

— ix-xahar ta' Jannar għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' April ta' wara,

— ix-xahar ta' April għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' Lulju ta' wara,

— ix-xahar ta' Lulju għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' Ottubru ta' wara,

— ix-xahar ta' Ottubru għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' Jannar ta' wara.

Ir-rati tal-kambju jiġu ppubblikati fit-tieni *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Serje C) tax-xhur ta' Frar, Mejju, Awwissu u Novembru.

# L-OMBUDSMAN EWROPEW

**Rapport Annwali 2016**

(2017/C 403/05)

Fil-17 ta' Mejju 2017, l-Ombudsman Ewropew ippreżentat ir-Rapport Annwali għas-sena 2016 lill-President tal-Parlament Ewropew.

Ir-Rapport Annwali huwa disponibbli fuq is-sit uffiċjali tal-Internet tal-Ombudsman Ewropew, bl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni: http://www.ombudsman.europa.eu/mt/activities/annualreports.faces

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Komunikazzjoni mill-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi tar-Renju tan-Netherlands skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u għall-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni tal-idrokarburi

(2017/C 403/06)

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi b'dan jagħti avviż li waslitlu applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-prospettar għall-idrokarburi fil-blokok F06c u F06d kif indikat fuq il-mappa mehmuża bħala l-Anness 3 tar-Regolament tal-Minjieri (Mijnbouwregeling) tal-*Gazzetta tal-Gvern (Staatscourant)* 2002 Nru 245.

L-awtorizzazzjoni għall-prospettar fil-blokok F06c u F06d tikkonsisti minn żewġ taqsimiet ta' blokok:

It-taqsima tal-blokk F06c hija delimitata minn żewġ ċrieki kbar bejn il-parti tal-vertiċi A-B, B-C, C-D, D-E, E-F, F-G u A-G.

It-taqsima tal-blokk F06d hija delimitata minn żewġ ċrieki kbar bejn il-parti tal-vertiċi H-I, I-J, J-K u H-K.

Il-vertiċi huma definiti kif ġej:

| Vertiċi | ° | ′ | ″ E.L. | ° | ′ | ″ N.L. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A | 4 | 39 | 54,930 | 54 | 47 | 34,459 |
| B | 4 | 45 | 19,442 | 54 | 45 | 48,159 |
| C | 4 | 45 | 19,449 | 54 | 42 | 10,152 |
| D | 4 | 50 | 7,356 | 54 | 42 | 32,356 |
| E | 4 | 54 | 29,963 | 54 | 42 | 32,359 |
| F | 4 | 54 | 29,968 | 54 | 39 | 57,454 |
| G | 4 | 39 | 54,945 | 54 | 39 | 57,444 |
| H | 4 | 44 | 54,932 | 54 | 49 | 57,467 |
| I | 4 | 49 | 56,94 | 54 | 49 | 57,471 |
| J | 4 | 49 | 56,942 | 54 | 48 | 57,469 |
| K | 4 | 43 | 24,932 | 54 | 48 | 57,464 |

Il-vertiċi ta' hawn fuq huma definiti mill-koordinati ġeografiċi tagħhom, ikkalkulati skont is-sistema ETRS89.

It-taqsima tal-blokk F06c li tkopri erja ta' 117,9 $km^2$.

It-taqsima tal-blokk F06d li tkopri erja ta' 11,5 $km^2$.

B'referenza għad-Direttiva msemmija fl-introduzzjoni u l-Artikolu 15 tal-Att tal-Minjieri (Mijnbouwwet) fil-*Bullettin tal-Atti u d-Digrieti (Staatsblad)* 2002, Nru 542), il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi b'dan jistieden lill-partijiet interessati jissottomettu applikazzjoni kompetittiva għall-awtorizzazzjoni għall-prospettar għall-idrokarburi fit-taqsimiet tal-blokok F06c u F06d tal-blata kontinentali Olandiża kif deskritt hawn fuq.

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq fl-Att tal-Minjieri fil-*Bullettin tal-Atti u d-Digrieti* 2002, Nru 542.

L-Applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi matul it-13-il ġimgħa wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li jintbagħtu lil:

De Minister van Economische Zaken
T.a.v. De heer J.L. Rosch, Directie Energie en Omgeving
Bezuidenhoutseweg 73
P.O. Box 20401
2500 EK The Hague
IN-NETHERLANDS

L-applikazzjonijiet li jaslu wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu mhux se jiġu kkunsidrati.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed mhux iktar tard minn 12-il xahar wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu.

Tista' tinkiseb iktar informazzjoni mingħand is-Sinjura K.J.J.M. Mulder, fuq in-numru tat-telefown: +31 703786524.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8654 — CK Hutchison/TMA Holding/TMA Logistics)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 403/07)

1. Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 u b'segwitu għar-referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Hutchison Ports Netherlands BV ("HPN", in-Netherlands),

— TMA Holding BV ("TMA Holding", in-Netherlands),

— TMA Logistics BV ("TMA Logistics", in-Netherlands).

HPN u TMA Holding, jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' TMA Logistics, li bħalissa hija kkontrollata unikament minn TMA Holding.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal HPN: Sussidjarji ta' Hutchison Port Holdings ("HPH") Limited - proprjetà ta' CK Hutchison Holding Limited - li tħaddem portijiet u terminals tal-containers f'portijiet bil-baħar fond. Fl-Ewropa, l-HPH Group jipprovdi servizzi ta' burdnara fil-portijiet fil-Belġju, il-Ġermanja, il-Polonja, Spanja, l-Isvezja, in-Netherlands u r-Renju Unit.

— għal TMA Holding: Servizzi ta' burdnara (prinċipalment f'terminal intern f'Harlingen, in-Netherlands), servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija u servizzi ta' loġistika tal-kuntratti.

— għal TMA Logistics: Soluzzjoni għal trasport tal-art, tal-baħar u tal-ajru, servizzi ta' burdnara (containers u u oġġetti kbar, trasbord ta' merkanzija, merkanziji ta' proġetti, ħażna u t-trattament doganali, inkluża l-provvista ta' servizzi ta' burdnara għal containers f'terminals tal-containers f'Velsen u Amsterdam, u servizzi ta' burdnara Roll-on/Roll-off f'Velsen (kollha fin-Netherlands).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8654 — CK Hutchison/TMA Holding/TMA Logistics

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission<br>
Directorate-General for Competition<br>
Merger Registry<br>
1049 Bruxelles/Brussel<br>
BELGIQUE/BELGIË

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8699 — CEPSA/CEPSA Gas Comercializadora)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 403/08)

1. Fil-21 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Compañía Española de Petróleos, S.A.U. ("CEPSA", Spanja), ikkonrollata minn Mubadala Investment Company;

— CEPSA Gas Comercializadora, S.A. ("CEPSA Gas", Spanja), li bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn Compañía Española de Petróleos, S.A.U. u Total S.A.

CEPSA tikseb, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' CEPSA Gas kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CEPSA hija attiva (i) fil-produzzjoni taż-żejt u attivitajiet esplorattivi, (ii) fl-irfinar taż-żejt, (iii) fil-provvista ta' fjuwil għall-vetturi, l-avjazzjoni u l-bastimenti, (iv) fil-produzzjoni ta' prodotti petrokimiċi, (v) prodotti oħra derivati miż-żejt, u (vi) fil-provvista bl-imnut ta' gass lill-klijenti.

— CEPSA Gas hija attiva fil-forniment bl-imnut tal-gass naturali kemm industrijali kbar u żgħar u ta' daqs medju (SME) klijenti fi Spanja u l-Portugall u, sa ċertu punt, il-provvista bl-ingrossa tal-gass naturali, inkluż in-negozjar, fi Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8699 — CEPSA/CEPSA Gas Comercializadora

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks + 32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8729 — EQT Fund Management/G+E GETEC Holding)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 403/09)

1. Fil-21 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EQT Fund Management SARL ("EQT", il-Lussemburgu),

— G+E GETEC Holding GmbH that comprises: (i) GETEC heat & power AG; (ii) GETEC Wärme & Effizienz AG; (iii) GETEC media AG; (iv) GETEC shared services GmbH; (v) GETEC Contracting GmbH (flimkien "GETEC Targets", il-Ġermanja).

EQT takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-intier ta' GETEC Targets.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju tal-impriżi kkonċernati huma:

— EQT huwa fond tal-investiment li jfittex li jagħmel investimenti fl-infrastruttura u f'assi marbutin mal-infrastruttura u n-negozji fl-Ewropa ta' Fuq, fl-Ewropa Kontinentali u fl-Amerika ta' Fuq,

— GETEC Targets hija speċjalizzata f'kuntrattar tal-enerġija fil-Ġermanja u fin-Netherlands.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja dejjem għandha tiġi speċifikata:

M.8729 — EQT Fund Management/G+E GETEC Holding

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Jekk jogħġbok uża d-dettalji ta' kuntatt hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT